MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 403/2003

**“A” sive “A1”**

**vs.**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 23 ta’ April 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur ottjena l-awtorizzazzjoni mehtiega skond il-ligi mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili biex ikun jista’ jipprocedi ghall-firda legali minn ma’ martu l-konvneuta b’ talbiet konnessi w ancillari, u dana a bazi ta’ digriet numru 1840/2002 li nghata nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Ottubru 2002, kopja legali u awtentika tieghu annessa ma’ l-elenku tad-dokumenti u ndikata bhala Dok. “CD1”;

Illi fis-sena kurrenti l-konjugi kontendenti "A2" jghalqu seba' (7) snin mizzewgin peress li huma nghaqdu fiz-zwieg nhar is-sitta u ghoxrin ta' Settembru, tal-elf disa' mija sitta u disghin (26.09.1996), u li mir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom ghandhom tliet subien ilkoll minuri u cioe' il-kbir li jismu "C" li ghandu erba' snin u nofs; it-tieni tifel li semmewh "D" li issa ghandu sentejn u nofs; u l-ahhar mit-tliet subien li ghad ghandu biss xahrejn u nofs u li semmewh "E";

Illi c-certifikat taz-zwieg u c-certifikat tat-twelid tat-tlett ulied minuri tal-kontendenti konjugi "A2" jigu ezebiti fl-atti ta' din il-kawza meta l-attur jaghmel l-affidavit tieghu li a bazi tal-fatti li jirrizultaw kien hemm il-htiega li tigi ntavolata din il-kawza ta' firda legali odjerna;

Illi d-dar konjugali li ghandha l-isem ta' "FF" kienet inxtrat qabel ma' l-kontendenti nghaqdu fiz-zwieg u ghalhekk hija komproprejta' ugwali indivizbilment bejniethom it-tnejn, liema residenza llum hija d-dar konjugali fejn il-kontendenti konjugi "A2" u t-tlett uliedhom minuri jghixu fiha;

Illi l-kontendenti konjugi "A2" m'ghandhom ebda residenza llum alternattiva ohra, u kwindi l-attur qieghed jiddikjara minn issa li huwa jrid li jibqa' jghix fid-dar konjugali huwa ad eskluzzjoni ta' martu l-konvenuta, jew inkella li dina l-Onorabbli Qorti tawtorizza l-biegh tad-dar konjugali u li mir-rikavat taghha wara li jinqasmu l-ispejjez ghandu jinqasam bejnu u bejn il-mara tieghu l-konvenuta "B";

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti konjugi "A2" tkisser irremedjabilment minghajr ebda tama ta' rikonciljazzjoni u dana minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenuta kontra l-attur zewgha jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tlett itfal subien minuri li ghandhom u li fic-cirkostanzi l-attur ma kellu l-ebda triq ohra ghajr illi jintavola din il-kawza odjerna, considerando li d-diversi tentattivi li jaghmel biex issir il-firda legali bonarjament sfumaw fix-xejn minhabba l-ghebbusija tar-ras u d-

diffikultajiet esegerati li bdiet tohloq il-konvenuta fir-rigward tal-interessi esklussivi taghha;

Illi, l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja firda personali bejn il-kontendenti konjugi “A2” u li permezz taghha tintemm, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta’ bejniethom li jghixu flimkien, u li ebda parti ma jkollha xi htiega ta’ xi kunsens, min-naha kif ukoll mill-ohra;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irremedjabilment minghajr ebda tama ta’ rikonciljazzjoni b’ tort unikament tal-konvenuta u dana a bazi ta’ **artikolu 40 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

3. Tiddikjara d-dar konjugali maghrufha bl-isem ta’ “FF” ghandha tigi assenjata bhala r-residenza ordinjarja ta’ l-attur filwaqt illi ghandha tigi xolta bejn il-kontendenti konjugi “A2” il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u dana fil-proporzjon tal-hidma bi qliegh rispettiva ta’ kull parti, filwaqt li kull naha tiehu lura l-proprjeta’ parafernali jew dotali li tkun gabet maghha fiz-zwieg jekk ikun il-kaz, u fil-parametri ta’ talbiet attrici li jsegwu;

4. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur ghandu jinghata l-kura u l-kustodja tat-tlett uliedu minuri u cioe’ ta’ “C”; ta’ “D”, u “E” fl-ahjar interess suprem ta’ l-istess minuri, b’ dawk il-provedimenti opportuni nkluzi li l-konvenuta ghandha tikkontribwixxi proporzjonalment ghall-manteniment ta’ l-istess tlett uliedha minuri skond il-bzonnijiet ta’ l-istess ulied minuri, skond il-mezzi ta’ l-attur u cirkostanzi rilevanti ohra tal-partijiet;

5. Tiddikjara li l-konvenuta ghandha titlef il-jeddijiet taghha a bazi ta’ **artikolu 48 sub-artikolu 1 u 2 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** inkluz il-jedd li ggieghel lill-attur li jivversala xi forma ta’ manteniment, kif ukoll li l-Qorti tapplika fid-diskrezzjoni taghha l-effetti ta’ l-**artikoli 51, 52 u 53** ta’ l-istess **Kodici Civili**;

6. Tapplika favur l-attur l-effetti ta' l-**artikoli 54, 55 u 55(a) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u fil-parametri tat-talbiet precedenti ta' l-istess attur f' din ic-citazzjoni odjerna;

7. Tapplika favur l-attur l-effetti tal-**artikoli 56, 57 u 60 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

8. Tapplika favur l-attur is-**sub Artikolu 2 tal-Artikolu 62 tal-Kodici Civili** fis-sens illi l-konvenuta ghandha tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia' "AA2" peress li l-uzu tal-kunjom "A2" jista' jkun ta' pregudizzju gravi ghall-attur;

9. Tapplika l-effetti tal-**artikolu 62 (a) u 66 tal-Kodici Civili,** filwaqt illi l-attur m'ghandu jbati ebda forma ta' spejjez konnessi ma' din il-kawza odjerna w atti li direttament jew indirettament ikun konnessi maghha jew atti legali li direttament jew indirettament ikunu konnessi maghha;

10. Tghati dawk il-porvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti nkluz il-hatra ta' kuraturi deputati fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenuta u / jekk ikun il-kaz in-nomina ta' periti ghall-andament ahjar ta' dawn il-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, kontra l-konvenuta li minn issa tigi ngunta insubizzjoni.

B' rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ta' kwalsiasi forma spettanti lill-attur kontra l-konvenuta fid-dawl ta' dak li jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza odjerna.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti minn fol. 3 sa fol. 8 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti nkluz u digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 23 ta' Ottubru 2002 mill-Onorevoli Imhallef Francesco Depasquale fejn l-kura u l-kustodja tal-minuri gew fdati f'idejn l-omm bi dritt ta' access favur il-missier kull nhar ta' Hadd mill-10.30.a.m. sat-8.00.p.m. u

kull nhar ta’ Erbgha mis-6.00.p.m.; l-istess attur gie ordnat ihallas manteniment *pendente lite* ghall-martu ta’ Lm100 kull xahar u lill-uliedu ta’ Lm150 kull xahar bil-quddiem b’effett mid-data ta’ l-istess digriet tat-23 ta’ Ottubru 2002.

Rat id-digriet nota guramentata moghti fis-19 ta’ Mejju 2003, a fol. 19.

Rat id-digriet moghti wkoll fis-19 ta’ Mejju 2003, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-attur disghin (90) gurnata sabiex jipprezenta l-provi kollha li jista’ permezz tal-procedura tal-affidavits.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta “B” datata 13 ta’ Gunju 2003, a fol. 27, fejn eccepit bir-rispett:-

(1) Illi hija ma topponix ghall-ewwel u t-tieni talbiet ta’ l-attur, u cioe’ li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali *stante* illi taqbel illi l-hajja matrimonjali ta’ bejniethom giet reza mpossibbili tant illi z-zwieg ta’ bejniethom tkisser irrimedjabilment, *purche’* din tigi pronunzjata ghal ragunijiet imputabbli lill-attur zewgha, minhabba, *inter alia,* theddid, ingurji u vjolenza fizika u psikolgika da parti ta’ l-attur fil-konfront taghha;

(2) Illi hija topponi ghat-talba ta’ l-attur, u cioe’ li d-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lill-attur, anzi, tenut kont l-imgieba ta’ l-attur kemm passata u anke prezenti, inkluz l-ezempju xejn tajjeb illi huwa qieghed jghati lill-uliedu minuri, l-attur ghandu minn din l-Onorabbli Qorti jigi ordnat jallontana ruhu mid-dar matrimonjali li ghandha tinghata ghall-uzu esklussiv ta’ l-eccipjenti u l-ulied minuri tal-kontendenti;

(3) Illi hija ma topponix ghat-talba ta’ l-attur ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, b’ dan illi ghandhom jigu applikati kontra l-attur bhala l-persuna responsabbli ghas-separazzjoni l-effetti ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**, sew *in toto* u sew *in parte;*

(4) Illi hija ma topponix ghat-talba ta’ l-attur fis-sens illi kull parti ghadha tigi restitwita fil-pussess tal-beni parafernali taghha;

(5) Illi hija topponi ghar-raba’ talba ta’ l-attur u cioe’ illi l-attur ghandu jinghata l-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri u cioe “C” ta’ 4 snin, ta’ “D” ta’ sentejn u ta’ “E” ta’ 4 xhur, filwaqt li topponi ulterjorment ghat-talba ta’ l-attur fis-sens illi hija ghandha tkun obbligata tikkontribwixxi proporzjonalment ghall-manteniment ta’ l-istess minuri, izda tali kura u kustodja ghandha tigi fdata esklussivament f’idejn il-konvenuta bid-dritt ta’ access favur l-attur taht dawk il-modalitajiet u kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa w opportuni;

6. Illi hija topponi illi ghandhom jigu applikati kontra taghha d-disposizzjonijiet ta’ l-**artikoli 48, 51, 52, 53, 54, 55, 55A, 56, 57** jew **60 tal-Kap. 16** filwaqt li l-attur ghandu jkun ordnat minn din l-Onorabbli Qorti jhallas mantiment xieraq kemm ghaliha u kemm ghall-uliedu minuri;

7. Illi hija topponi ghat-tmien talba ta’ l-attur u dan minhabba l-pregudizzju li per konsegwenza sejrin isofru l-minuri;

8. Illi t-talbiet kontenuti fid-disa’ talba ta’ l-attur ma jistghux jintlaqghu, u cioe’ illi ghandhom jigu applikati kontra l-konvenuta l-effetti ta’ l-**artikoli 62A** u **66 tal-Kap. 16** u dan *stante* illi l-effetti ta’ tali disposizzjonijiet isehhu *ope legis* minghajr il-bzonn ta’ ebda’ ordni gudizzjarja, filwaqt illi l-konvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri *stante* illi huwa l-attur li huwa hati ghal tali separazzjoni;

9. Illi salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 29 u fol. 30 tal-process.

Rat ir-rikors (1) tal-konvenuta “B” datat 4 ta’ Lulju 2003, a fol. 31B, fejn talbet lil din il-Qorti biex joghgobha tiffissa retta alimentari ghall-minuri “E”, tordna lill-intimat sabiex b’

effett immedjat johrog u jizgombra mid-dar matrimonjali u tawtorizzha sabiex *pendente lite* tirrisjedi fid-dar matrimonjali flimkien ma' l-ulied minuri tal-partijiet *ad eskluzzjoni* tal-intimat u tawtorizzha sabiex ghas-sigurta' taghha u ta' wliedha tbiddel is-serratura tal-bieb ta' l-istess dar; tordna lill-intimat sabiex jghaddi c-cwievet tal-vettura tat-tip Skoda lill-esponenti ghall-uzu esklussiv taghha, u dan fl-ahjar interess tal-minuri u tordna lill-intimat sabiex ihallas il-kontijiet dovuti ghas-servizzi fid-dar matrimonjali sal-gurnata illi huwa effettivament jivvaka d-dar matrimonjali.

Rat il-verbal li sar quddiem il-Qorti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fejn l-attur kien obbliga ruhu li bla pregidizzju ghalih u ghad-drittijiet johrog mid-dar matrimonjali fi zmien 6 gimghat mid-data tal-verbal tat-23 ta' Ottubru 2002; u il-partijiet iddikjaraw li qabblu li l-attur jirtira mid-depoziti bankarji s-somma ta' Lm2,000 u meta jigri dan jimpenja ruhhu li jakkwista vettura ta' almenu dak il-prezz, kollox a fol. 31 E tal-process.

Rat digriet tal-Qorti datat 7 ta' Lulju 2003, fejn inghata digriet tan-nota guramentata lill-konvenuta, u nghata digriet ghall-affidavits tal-konvenuta b'terminu ta' 30 gurnata. Giet ordnata n-notifika lill-kontroparti u kellha zmien jumejn biex tirrispondi.

Rat ir-risposta ta' l-attur datata 14 ta' Ottubru 2003.

Rat id-digriet moghti fil-15 ta' Ottubru 2003, fejn il-Qorti laqghet l-ewwel talba w iffissat manteniment ta' Lm40 fix-xahar ghall-minuri "E". Laqghet ir-raba' talba b' dan li tali kontijiet kellhom jithalsu tul il-pendenza tal-kawza mill-attur, u f' dan l-istadju cahdet iz-zewg talbiet l-ohra dwar zgumbrament mid-dar matrimonjali u t-talba dwar il-karozza Skoda.

Rat ir-rikors (2) tal-konvenuta "B" datata 29 ta' Lulju 2003, a fol. 33 tal-process fejn talbet lil din il-Qorti biex joghgobha testendi t-terminu prefiss fid-Digriet tas-7 ta' Lulju 2003 ghall-prezentata ta' l-affidavits.

Rat id-digriet datat 30 ta’ Lulju 2003, fejn il-Qorti laqghet it-talba u estendiet tali terminu bi 30 gurnata.

Rat in-nota tal-konvenuta **“B”** datata 2 ta’ Settembru 2003, a fol. 35 li permezz taghha prezentat l-affidavit **taghha**, ta’ **“G”** u ta’ **“H”**.

Rat il-verbal datat 16 ta’ Ottubru 2003, fejn Dr. Emmy Bezzina ghall-attur informa lill-Qorti li l-affidavit attrici kienu gew prezentati dak inhar stess. Il-Qorti ordnat lin-noti guramenati ssiru fil-qasir kif ordnat. Dr. Emmy Bezzina ddikjara li ma kellux provi izjed, hlief ghall-kontro-ezamijiet. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa tliet seduti ghall-kontro-ezamijiet. Id-defensuri ddikjaraw li l-valur tal-proprjeta’ huwa ta’ bejn Lm30,000 u Lm35,000.

Rat in-nota ta’ l-attur **“A” sive “A1”**, datata 17 ta’ Ottubru 2003, a fol. 64, li permezz taghha prezenta l-affidavit **tieghu**, ta’ **huh “I”**, taz-zwieg **neputijiet tieghu “J”** u **“K”**, ta’ **“L”**, ta’ **“M”** li hu l-ufficjal tal-kumpanija li maghha jahdem l-attur li hija “N1”u ta’ l-investigatur privat li gie mqabbad mill-attur stess.

Rat ir-rikors (1) ta’ l-attur “A” sive “A1”, datat 22 ta’ Dicembru 2003 a fol. 139 tal-process, fejn talab lil din Qorti biex:

a) Jigi mmodifikat *‘contrario imperii’* d-digriet ta’ din il-Qorti kif ippreseduta tal-hmistax (15) ta’ Ottubru 2003, billi filwaqt li zzomm ferm fuq l-erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar ghal izghar fost it-tliet minuri li jismu “E” ta’ ghaxar xhur, thassar ‘li tali kontijiet ghandhom jithalsu tul il-pendenza tal-kawza’ billi dak li qieghed isir huwa li l-konvenuta qed thalli l-elettriku jaghti ghal xejn biex ibati l-attur u evidentament dan qieghed isir fil-pizijiet ta’ kontijiet ta’ l-attur li l-attur ma jistax assolutament ihallashom;

b) Timmodifika u tvarja d-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili tat-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Ottubru 2002, billi tnehhi r-retta alimentari ta’ mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar ghall-konvenuta, u tirriduci s-somma ta’ mija u

hamsin lira Maltin (Lm150) ghal zewg minuri ta' hames snin u ta' tliet snin rispettivament ghal tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar, biex b' hekk it-tliet minuri ahwa "A2" jibdew jiehdu bejniethom l-ammont komplessiv ta' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) fix-xahar, u dan biex b' din ic-cifra l-attur ikun jista' jissormonta xi ftit il-pizijiet finanzjarji li ghandu billi altrimenti ser ikun impossibli ghalih li jibqa' miexi fil-hajja tieghu;

c) Fir-rigward tal-kura u tal-kustodja tat-tlett itfal minuri, l-esponenti umilment qed jitlob li din ghandha tigi fdata konguntivament f' idejn il-partijiet kontendenti fl-ahjar interess ta' l-istess minuri, filwaqt li l-access da parti ta' l-istess attur esponenti rikorrenti ghat-tlett uliedu minuri ghandu jkun sejjer jigi umilment suggerit hawn taht u cioe':
i) Matul il-gimgha kull nhar ta' Erbgha, mill-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija sat-tmienja ta' fil-ghaxija (5.30 pm / 8.00 pm);
ii) Kull nhar ta' Hadd mill-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu sat-tmienja ta' fil-ghaxija (10.30 am / 8.00 pm)
iii) u kull l-ewwel tmiem tal-gimgha ta' kull xahar, jigifieri darba fix-xahar biss, mis-Sibt f' nofs inhar (12.00pm) sa l-ghada fil-ghodu l-Hadd f' nofs inhar (12.00pm) b' mod illi darba fix-xahar il-missier attur ikollu lit-tlett uliedu minuri flimkien mieghu;

d) Joghgobha tawtorizza l-prezentata ta' dan l-affidavit ulterjuri ta' l-attur fejn hemm imfisser b' diversi dokumenti l-pozizzjoni finanzjarja prekarja attwali tieghu, u l-gustifikazzjoni fic-cirkostanzi tal-prezentata ta' dan ir-rikors odjern b' talba biex jigi mismugh u deciz b' urgenza;

e) Li jinghataw kwalsiasi provedimenti opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi, u dana dejjem fl-ahjar interess u fl-interess superm ta' l-istess tlett itfal minuri.

Rat id-digriet datat 23 ta' Dicembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenuta datata 23 ta’ Jannar 2004.

Rat id-digriet datat 13 ta’ Frar 2004, fejn il-Qorti cahdet it-talbiet *stante* li ma rrizultax li dawn kienu gustifikati kollox kif jidher a fol. 185 tal-process.

Rat is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datata 6 ta’ Dicembru 2003 fejn ma sar xejn; tat-2 ta’ Frar 2004 fejn xehed Lawrence Cassar ghan-nom tas-socjeta’ BOV plc fejn qal li kien hemm kont Numru 165097720011 f’Savings Account li fil-24 ta’ Dicembru 2003 kellu l-ammont ta’ Lm283.35 kollox skond Dok. “LC” a fol. 191 tal-process.

Rat ir-rikors (3) tal-konvenuta “B” datat 8 ta’ Jannar 2004, a fol. 197, fejn talbet lil din il-Qorti biex joghgobha tezenta lil dawk ix-xhieda li huma marbutin bis-sigriet professjonali minn tali sigriet filwaqt li tordna li dawk ix-xhieda li l-informazzjoni minnhom mitluba tista’ tkun protetta bis-sahha ta’ xi ligi sabiex jizvelaw l-informazzjoni rikjesta.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 9 ta’ Jannar 2004, fejn il-Qorti laqghet it-talba w ezentat lil l-istess xhieda mis-sigriet professjonali, b’ dan li tali xhieda tkun disponibbli biss lill-partijiet, lid-difensuri tal-partijiet u lill-Assistent Gudizzjarju.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-15 ta’ April 2004, fejn xehed Samuel sive Sammy Nicholl bhala rapprezentat tal-APS Bank, li xehed li ma’ kienx hemm kontijiet ma’ l-istess bank; Vanessa Camillieri bhala rapprezentata tal-Lombard Bank plc li xehdet bl-istess mod; Audrey Ghigo bhala rapprezentata tal-HSBC Bank Malta PLC li fost kontijiet ohra li llum jidhru li gew maghluqa fis-snin 1996 u 1997, xehed li kien hemm kont f’isem iz-zewg partijiet savings Account Numru 040084360051 li fih kien hemm depositati l-ammont ta’ Lm2,431; Dr. Vanessa Borg, “A” sive “A1”, PC830 Chris Debono u PC1529 Emanuel Barbara.

Rat in-nota tas-socjeta’ “MM”, datata 30 ta’ April 2004, a fol. 218.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Mejju 2004, fejn il-Qorti ordnat li jinzammu s-seduti mill-Assistent Gudizzjarju b’ordni tal-Qorti u taht sanzjoni ta’ disprezz lejn l-Awtorita’ tal-Qorti. Il-partijiet kellhom jaraw bejniethom kif il-missier kien ser ikollu access ghat-tarbija ta’ sena u nofs u kellhom jipprezentaw nota dwar eventwali ftehim fi zmien 30 gurnata.

Rat in-nota ta’ l-attur “A” sive “A1”, datata 2 ta’ Gunju 2004, a fol. 224.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-28 ta’ Mejju 2004 u fit-8 ta’ Gunju 2004, a fol. 227, fejn ma sar xejn.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-23 ta’ Gunju 2004 fejn xhedu “M” u PC 830 Chris Debono.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fit-28 ta’ Gunju 2004 fejn l-attur “A” sive “A1” xehed in-kontro ezami.

Rat ir-rikors (4) tal-konvenuta datat 7 ta’ Lulju 2004, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha takkordala zewg seduti ohra ghall-gheluq tal-provi taghha, dan taht dawk il-provedimenti li din il-Qorti jidrilha xierqa w opportuni.

Rat id-digriet datat 8 ta’ Lulju 2004, fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota ta’ l-attur datata 7 ta’ Lulju 2004, a fol. 270.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-21 ta’ Lulju 2004, fejn xehdet il-konvenuta “B”.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fid-29 ta’ Lulju 2004, a fol. 281, fejn ma sar xejn.

Rat il-verbal datat 14 ta' Ottubru 2004, fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precendenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta.

Rat il-verbal datat 8 ta' Frar 2005, fejn Dr. Emmy Bezzina prezenta l-ahhar payslip ta' l-attur. Il-Qorti ddikjarat li l-provi gew maghluqa. Dr. Emmy Bezzina talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggitlu terminu ta' 20 gurnata biex jaghmel dan u jghaddi kopja lid-difensur tal-kontroparti li jkollhom 20 gurnata biex jirrispondu.

Rat in-nota tal-osservazzjoni ta' l-attur datata 25 ta' Frar 2005, minn fol. 287 sa fol. 291.

Rat ir-rikors (5) tal-konvenuta datat 20 ta' April 2004, fejn talbet bir-rispett lil din il-Qorti sabiex takkordalha estensjoni ghall-prezentazzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet.

Rat id-digriet datat 21 ta' April 2005, fejn il-Qorti laqghet it-talba u estendiet iz-zmien b' ghoxrin (20) gurnata.

Rat ir-rikors tal-konvenuta "B" datat 20 ta' April 2005, fejn talbet lil din il-Qorti biex tipprojbixxi l-access ghall-minuri jew tillimita l-access ghall-minuri darba l-Hadd bejn id-9.00a.m. sa 12.00p.m. fil-prezenza tal-esponenti li b' hekk tkun tista' ssalvaggwardja l-interessi tal-minuri.

Rat id-digriet datat 21 ta' April 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti li jkollu jumejn biex jirrispondi.

Rat il-verbali datat 10 ta' Mejju 2005, fejn meta l-attur gie mistoqsi mill-Qorti huwa assigurha li hu mhux qed ipejjep fil-prezenza tal-minuri. Il-Qorti ammonit lill-partijiet biex josservaw id-digrieti attwali. Il-minuri ma kellhomx ikunu fil-prezenza u jittiehdu f' postijiet fejn ikun hemm it-tipjip. L-omm giet avzata li m' ghandhiex tiddeciedi hi meta ghandu jigi osservat l-access. Il-missier gie wkoll avzat bil-portata u sinifikat li waqt li jkunu mieghu t-tfal ma jesponihomx ghad-dhahen tas-sigaretti. L-omm kellha tipprovdi *account* lill-konvenut, fejn il-flus tal-manteniment

kellhom jigu depozitati minnu regolarment. Kaz li dan ma jigix attwat il-manteniment kellu jitnaqqas mill-paga. Minhabba dan id-digriet ir-rikors tal-konvenuta gie degretat. Il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 30 ta' Settembru 2005, fejn talbet lil din il-Qorti biex tinnomina Social Worker sabiex tinvestiga l-kaz u tirrelata dwar l-istess, kif ukoll tillimita l-access, jekk hu opportun.

Rat id-digriet datat 4 ta' Ottubru 2005, fejn il-Qorti ordnat in-notifikat lill-kontro-parti b' ghaxart (10) ijiem zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 27 ta' Ottubru 2005, fejn il-Qorti f' dan l-istadju rivokat id-digriet taghha tal-4 ta' Ottubru 2005 u cahdet it-talba b' dan li hadet konjezzjoni ta' l-istess allegazzjoni fis-sentenza.

Rat ir-rikors ta' l-attur "A" sive "A1" datat 16 ta' Lulju 2004, fejn talab lil din il-Qorti tordna li jkun hemm access definittivament indikat ghat-tifel iz-zghir tal-attur, fi granet u hinijiet li fihom l-attur ikun jista' jiehu lit-tifel iz-zghir tieghu flimkien maz-zewg hutu l-ohra, u preferibbilment dawn ghandhom ikunu fl-istess granet u hinijiet li jiehu lit-tfal l-ohra u cioe' kull nhar ta' Erbgha mis-sitta sat-tmienja ta' fil-ghaxija (6.00p.m. / 8.00p.m.) u kull nhar ta' Hadd mill-ghaxra u nofs ta' fil-ghodu sat-tmienja ta' fil-ghaxija (10.30a.m. / 8.00p.m.) biex b' hekk l-attur ikun jista' jgawdi lit-tlett uliedu flimkien u tnaqqas ir-retta alimentari li qed ihallas l-attur minn mitejn u disghin lira Maltin (Lm290) ghal mitejn lira Maltin (Lm200) u cioe' tmenin lira Maltija (Lm80) ghall-konvenuta u mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) ghat-tlett ulied li bazikament jigi erbghin lira Maltin (Lm40) kull wild fix-xahar li hija retta alimentari olistika adegwata ferm fic-cirkostanzi.

Rat id-digriet datat 20 ta' Lulju 2004, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet datat 12 ta' Awissu 2004, fejn il-Qorti rat li ma kienx hemm risposta w appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghat-13 ta' Awissu 2004.

Rat il-verbal u d-digriet datat 13 ta' Awissu 2004, fejn il-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim'Imhallef Vincent De Gaetano d-degratat ir-rikors datat 15 ta' Lulju 2004, b'dan ordnat li r-rikorrent (l-attur) ikollu access ghall-minuri "E" fl-istess gurnata u hinijiet li kellu ghat-tfal l-ohra jigifieri kull nhar ta' Erbgha wara nofs inhar u nhar ta' Hadd bejn l-10.00am u t-8.00pm, b'dan pero' li f'dawn il-hinijiet ta' l-access ir-rikorrent ghandu jassigura bil-mod l-aktar assolut li ma jsirx tipjip fl-ambjenti jew fil-vicinanzi ta' fejn ikunu t-tfal jew xi hadd minnhom. Il-Qorti avzat lir-rikorrent li jekk ikollha provi li t-tfal jew b' mod jew iehor ikunu esposti ghal xi *passive smoking*, hija twaqqaf l-access ghat-tfal kollha.  Il-Qorti cahdet it-talba dwar it-tnaqqis ta' manteniment.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**(II). KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-sena 1996 u ghandhom tlett itfal, "C", "D" u "F'.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-volum ta' inkartamenti li jikkomponu l-process tal-kawza odjerna  u wara li rat ix-xhieda kollha prodotta, thoss li r-raguni ghaliex l-istess koppja waslet ghal din is-separazzjoni, u allura ghal dak li ta lok ghal din id-dikjarazzjoni ta' firda personali huwa l-agir ta' l-attur li kien konsistentement vjolenti fil-konfront ta' martu, specjalment f'diversi okkazzjonijiet fejn ma kienx ikun hemm qbil bejn il-partijiet u f'dan ir-rigward din il-Qorti tirreferi ghall-diversi ezempji elenkati mill-affidavit tal-konvenuta datat l-1 ta' Settembru 2003. Whud minn dawn l-incidenti ta' vjolenza u theddid huma sopportati minn rapporti li l-istess konvenuta kienet ghamlet l-ghassa tal-pulizija u dawn jinsabu esebiti bhala Dok. "JD 1", Dok. "JD 2" u Dok. "JD 3". Mhux biss izda l-

istess konvenuta li mhux l-ewwel darba li l-istess attur sforza ruhu sesswalment fuqha u hija tghid li din kienet il-kawza ghaliex hareg ic-certifikat mediku fis-sena 2002 u esebiti bhala Dok. “JD4”, Dok. JD 5” u Dok. “JD 6” minn fol. 54 sa 56 tal-process.

Illi apparti dan jirrizulta li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta’ sevizzi, mohqrija u eccessi u kellu inklinazzjoni qawwija u persistenti li jimpika mal-konvenuta f’kollox tant li l-impressjoni li hadhet dim il-Qorti meta rat ix-xhieda kollha prodotta kienet din li l-attur ried u agixxa dejjem ta’ bniedem li ried li jkun dominanti ghal kollox fuq martu u jekk il-konvenuta ma taccettax dan, huwa jkun vjolenti lejha u wkoll jimpika maghha b’certu krudelta’ u kattiverja, li meta tigi attwata b’mod konsistenti taffetwa serjament anke s-sahha ta’ dak li jkun suggett ghal tali trattament li din il-Qorti thoss bhala li huwa ghal kollox inuman.

Illi dan l-agir baqa’ jippersisti wkoll waqt din il-kawza bhal meta ghalkemm l-attur obbliga ruhu li johrog mid-dar konjugali *pendente lite* u f’terminu ffissat quddiem l-Onorabbli Imhallef li kien qed jippresjedi s-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, huwa fil-fatt baqa’ jmur fl-istess dar ghalkemm effettivament l-attur kien qed jghix band’ ohra u kien jidhol id-dar biss qisu diehel f’lukanda, ovvjament bl-iskop uniku sabiex jivvessa lill-istess konvenuta. Prova ta’ dan huwa li fil-mori tal-kawza l-istess attur kien jidhol bil-lejl id-dar u kien ha minnha mhux biss l-effetti personali tieghu izda wkoll *vacuum cleaner*, *toaster*, skieken, xugameni u affarijiet simili. F’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ma’ hemm *in verita’* l-ebda spjegazzjoni ohra hlief dik hawn espressa anke *invista* ta’ dak li gie verbalizzat quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u fuq indikat u espost b’kopja ta’ l-att appositu tal-verbal quddiem l-istess Qorti, li jidher li l-attur ghamel volontarjament.

Illi dawn l-allegazzjoni u x-xhieda ta l-konvenuta huma kkoroborati minn mix-xhieda permezz tal-proceduta ta’ l-affidavits ta’ oht il-konvenuta “G” u din ssemmi diversi okkazzjonijiet fejn l-attur kien aggressiv u anke kellem lil martu b’mod oxxen u baxx quddiemha u anke quddiem in-

neputija ta’ l-attur “GG’; l-istess tixhed ohta l-ohra “H” li tghid li anke meta kienu jkunu ghand il-genituri tal-konvenuta l-partijiet kienu jitlewmu u l-attur kien jinfexx jghajjat, isabbat u jiggoffa u kellu vizzju jimbotta lill-konvenuta. Din l-istess xhud enfaszizat ukoll li iktar ma’ beda jghaddi z-zmien aktar l-attur beda johrog wahdu u mal-hbieb u l-konvenuta kienet jew toqghod id-dar wahedha jew inkella tmur ghand ommha. Tirrakonta incident li sahanistra l-istess attur kien vjolenti fil-konfront tan-neputija tieghu stess “GG”.

Illi din il-Qorti rat u waslet ghal dawn il-konkluzzjonijiet anke wara li rat u ezaminat bir-reqqa x-xhieda ta’ l-attur u hawn l-attur jakkuza lill-konvenuta li kienet suspettuza fil-konfront tieghu li huwa setgha kellu relazzjoni ma’ mara ohra u jakkuza lill-konvenuta li kienet hija li kienet vjolenti; jakkuza lill-martu wkoll li kienet traskurata fiz-zamma tad-dar u jghid li d-dar kienet tinzamm mahmuga – jidher ukoll li kien jilmenta fuq l-ikel li kienet issajjar il-konvenuta; jghid li huwa ma kienx vjolenti ma’ martu u kienet hija stess li kienet taghmel marki fuqha sabiex twahhal fih; jakkuza lill-konvenuta li kienet ghamlet rapport falz ta’ stupru kontra tieghu; jghid li martu lanqas torqod fid-dar matrimonjali u ma jafx fejn fil-fatt jorqdu u jghid li martu ghandha relazzjoni ma’ certu “HH’. Dwar dan allegat mill-attur hemm ix-xhieda ta’ hu l-attur “I”, “II’, neputija ta’ l-attur, “K”, neputija wkoll ta’ l-attur; hemm ix-xhieda wkoll ta’ “L” u ta’ “KK”, dan ta’ l-ahhar dwar il-komportament ta’ l-attur fuq ix-xoghol.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti tirreferi ghax-xhieda ta’ “LL” li ddiskriva lilu nnifsu bhala investigatur, ghalkemm ma jidher li giet esebita l-ebda licenzja jew awtorizzazzjoni sabiex jaghmel dan it-tip ta’ xoghol; intant l-istess xhieda tghid li l-konvenuta kienet fil-kumpanija ta’ persuna ta’ sess maskili u jghid li din l-intimita’ *“setghet anke waslet u kkonsumat relazzjoni ta’ sesswalita’ intima bejn is-suggett li kont qed ninvestiga u s-sieheb li jiena rajt”.* Din il-Qorti thoss li certament li x-xhieda ta’ din il-persuna ma hijiex affidabbli u certament li l-allegazzjoni ta’ adulterju fil-konfront tal-konvenuta ma gietx ippruvata.

Illi din il-Qorti thoss li l-provi kollha prodotti mill-attur ma jwasslu qatt sabiex jinghad li l-istess firda personali sehhet minhabba xi ragunijiet imputabbli lill-kovenuta, ghalkemm ma hemm ebda dubju li l-partijiet fl-ahhar zmien taz-zwieg ma' qablux fuq diversi affarijiet u jidher car li fil-mori tal-kawza s-sitwazzjoni ta' bejniethom hzienet u saret hafna difficli anke sforz il-pika li dahlet bejn il-partijiet u dan jidher car minn diversi verbali li saru minn din il-Qorti; dak li gie ppruvat huwa li l-attur kien principarjament responsabbli ghall-firda personali ta' bejn il-partijiet minhabba l-vjolenza domestika li huwa esegwixxa fuq martu u kien dan li wassal ghall-firda personali; fil-fatt din il-Qorti tikkonferma li l-attur kien hati *verso* l-konvenuta ta' eccessi, mohqrija ingurji gravi, u sevizzi, li jinkludu theddid u vjolenza u kawza ta' l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment. L-allegazzjoni attrici fil-konfront tal-konvenuta din il-Qorti thoss li ma gewx ippruvati u din il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilta' ta' din is-separazzjoni ghandha u qed tigi attribwita biss lill-attur.

Illi bhala manteniment tenut kont ta' l-introjtu ta' l-attur anke kif indikat f'dokumenti “KF 1” sa Dok. “KF 4” a fol. 243 sa fol. 246 tal-process, din il-Qorti thoss li l-attur ghandu jhallas bhala manteniment ghall-konvenuta fl-ammont ta' Lm 100 kull xahar u bhala manteniment ghat-tlett uliedu minuri l-ammont ta' Lm 190 fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici u b'dan billi l-istess ammont ta' alimenti ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-istess attur mill-*employer* tieghu “MM” u jintbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha jew jigi depozitat fl-*account* li ghandu jigi ndikat mill-konvenuta b'nota notifikata minnha lill-istess attur u lill-imsemmija *employers* ta' l-attur skond kif verbalizzat fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2005 u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employers* ta' l-attur sabiex l-istess jaderixxu ruhhom ma' l-istess. Fl-istess waqt l-attur huwa kkundannat sabiex ihallas lill-konvenuta l-arretrati kollha ta' manteniment li huwa naqas li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri skond id-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili

datat 23 ta’ Ottubru 2002 u d-digriet l-iehor datat 15 ta’ Ottubru 2003.

Illi dwar il-kura u kustodja ta’ l-istess minuri din il-Qorti tafda l-kura u l-kustodja ta’ l-istess minuri lill-konvenuta bi dritt ta’ access favur l-attur ghall-istess minuri kif degretat mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmi digriet tat-23 ta’ Ottubru 2003 u kif degretat ukoll permezz tad-digriet ta’ din il-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim’ Imhallef Vincent De Geatano datat 13 ta’ Awissu 2004 u cjoe’ kull nhar ta’ Erbgha wara nofs inhar u nhar ta’ Hadd bejn l-10.00am u t-8.00pm, b’dan pero’ li f’dawn il-hinijiet ta’ l-access l-attur ghandu jassigura bil-mod mill-aktar assolut li ma jsirx tipjip fl-ambjenti jew fil-vicinanzi ta’ fejn jkunu t-tfal jew xi hadd jew uhud minnhom. Tordna li l-kura u l-kustodja tigi ezercitata minn kull parti fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li mhux familjari tal-partijiet u t-tfal ghandhom jittiehdu u jingabu lura mill-access mal-missier fir-residenza ta’ l-omm; tordna li l-Agenzija Appogg timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess tal-minuri u tara li l-istess kura u kustodja jigu ezercitati bil-mod hawn ordnat u dan a spejjez taz-zewg partijiet li huma ordnati sabiex a spejjez taghhom jinnotifikaw kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess Agenzija Appogg sabiex l-imsemmija Agenzija Appogg taderixxi ruhha ma’ l-istess fl-interess supremm tal-minuri.

Illi bhala assi hemm id-dar “FF” li nxtrat mill-kontendenti flimkien u l-*garage* bla isem numru “FF”, accessibbli minn *drive in* privata li taghti ghall “FF1”. Mobbli hemm il-kcina li hija ovvjament *fitted*; kamra tas-sodda *fitted* ukoll, zewg settijiet ta’ sufani, sodda, ornamenti, linef, fajjenza; hemm kont bankarju ta’ Lm2,400 u Skoda Silverline li l-attur jistmha fl-ammont ta’ Lm600.

Illi dwar il-likwidazzjoni u divizzjoni ta’ l-istess assi din il-Qorti tordna l-bejgh in subasta ta’ l-immobbli kollha fuq deskritti, u cjoe’ tal-fond “FF”, bil-kcina u kamra tas-sodda *fitted*, u tal-*garage* bla isem numru “FF”, accessibbli minn *drive in* privata li taghti ghal “FF1” b’dan li r-rikavat ta’ l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet; sakemm isehh effettivament l-istess bejgh in subbasta din il-Qorti tordna

li l-konvenuta u wliedha ghandhom jghixu esklussivament fl-istess fond fil-"FF2" li kien jifforma l-fond matrimonjali bl-eskluzzjoni ta' l-attur, li ghandu jizgombra ruhu mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta' 20 gurnata mid-data ta' din is-sentenza; kull parti qed tigi assenjata sett ta' divani, u l-oggetti mobbli l-ohra fl-istess dar ghandhom jigu assenjati lill-konvenuta, fil-waqt li l-attur qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Skoda; mill-bqija kull parti ghandha zzomm il-mobbli l-ohra li attwalment jinsabu fil-pussess taghha; dwar id-depozitu bankarju li hemm fil-fergha ta' l-HSBC plc f'Savings Account Numru 040084360051 li fih kien hemm depozitati l-ammont ta' Lm2,431, l-ewwel titnaqqas is-somma ta' arretrati ta' manteniment li l-attur naqas li jhallas lill-konvenuta ghaliha u ghal uliedha skond id-digrieti *pendente lite* u tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti, b'dan li tali ammont ta' arretrati ghandhom jithalsu mill-istess kont lill-konvenuta b'effett ta' din is-sentenza u l-bilanc mill-istess depozitu ghandu mbaghad jinqasam bejn iz-zewg partijiet. Din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-fergha relattiva tal-HSBC plc. Kull depozitu bankarju iehor ghandu jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Illi dwar z-zewg life insurances mal-Middle Sea Valletta Life Insurance Co. Limited ezistenti dawn ukoll ghandhom jigu likwidati u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak premess u hawn deciz, **u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ghaxar talba attrici u filwaqt li tichad il-hames, is-sitt talba u t-tmien talba kif proposti u minflok tiddeciedi dwar l-istess bil-mod kif hawn deciz, tilqa' ghalhekk t-talbiet anke l-ohra attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja firda personali bejn il-kontendenti konjugi “A2” u li permezz taghha tintemm, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta’ bejniethom li jghixu flimkien, u li ebda parti ma jkollha xi htiega ta’ xi kunsens, min-naha kif ukoll mill-ohra u dan minhabba tortijiet attribwibbli lill-attur u dan peress li l-istess attur kien hati *verso* l-konvenuta ta’ eccessi, mohqrija, ingurji gravi, u sevizzi, li jinkludu theddid u vjolenza domestika u kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment minghajr ebda tama ta’ rikonciljazzjoni b’tort, izda unikament ta’ l-attur li kien hati kif inghad mill-konvenuta ta’ eccessi, mohqrija, ingurji gravi, u sevizzi, li jinkludu theddid u vjolenza domestika u kawza ta’ l-istess iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment;

3. Tichad din it-talba ghall-ewwel parti taghha u tilqa’ l-kumplament ta’ l-istess talba biss fis-sens li tordna u tiddeciedi li ghandha tigi xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza u tillikwida u tiddividi l-istess billi tordna l-bejgh in subasta ta’ l-immobbli kollha fuq deskritti, u cjoe’ tal-fond “FF”, bil-kcina u kamra tas-sodda *fitted*, u tal-*garage* bla isem numru “FF”, accessibbli minn *drive in* privata li taghti ghal “FF1” b’dan li r-rikavat ta’ l-istess jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet b’dan pero’ li sakemm isehh effettivament l-istess bejgh in subbasta ta’ dak li kienet id-dar matrimonjali din il-Qorti tordna li l-konvenuta u wliedha ghandhom jghixu esklussivament fl-istess fond fil-“FF2” (li kien jifforma l-fond matrimonjali) bl-eskluzzjoni ta’ l-attur, li ghandu jizgombra ruhu mill-istess fond fi zmien qasir u perentorju ta’ 20 gurnata mid-data ta’ din is-sentenza;

Illi din il-Qorti tordna wkoll li kull parti tigi assenjata sett ta’ divani, u l-oggetti mobbli li ghadhom fl-istess dar qed jigu assenjati lill-konvenuta, filwaqt li l-attur qed jigi assenjat il-vettura tal-marka Skoda; mill-bqija kull parti ghandha zzomm il-mobbli l-ohra li attwalment jinsabu fil-pussess taghha; dwar id-depozitu bankarju li hemm fil-fergha ta’ l-HSBC plc f’Savings Account Numru 040084360051 li fih

kien hemm depozitati l-ammont ta' cirka Lm2,431, l-ewwel titnaqqas is-somma ta' arretrati ta' manteniment li l-attur naqas li jhallas lill-konvenuta ghaliha u ghal uliedha skond id-digrieti *pendente lite* u tas-Sekond'Awla ta' din il-Qorti, b'dan li tali ammont ta' arretrati ghandhom jithalsu mill-istess kont lill-konvenuta b'effett ta' din is-sentenza u l-bilanc mill-istess depozitu ghandu mbaghad jinqasam bejn iz-zewg partijiet. Din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-fergha relattiva tal-HSBC plc. Kull depozitu bankarju iehor ghandu jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet;

Illi dwar z-zewg life *insurances* mal-Middle Sea Valletta Life Insurance Co. Limited ezistenti dawn ukoll ghandhom jigu likwidati u r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn iz-zewg partijiet;

4. Tichad din it-talba kif proposta mill-attur b'dan li fl-interess suprem tal-minuri din il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tafda l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri u tlett ulied tal-kontendenti lill-konvenuta bi dritt ta' access favur l-attur ghall-istess minuri kif degretat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-imsemmi digriet tat-23 ta' Ottubru 2003 u kif degretat ukoll permezz tad-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef Vincent De Geatano datat 13 ta' Awissu 2004 u cjoe' kull nhar ta' Erbgha wara nofs inhar u nhar ta' Hadd bejn l-10.00am u t-8.00pm, b'dan pero' li f'dawn il-hinijiet ta' l-access l-attur ghandu jassigura bil-mod mill-aktar assolut li ma jsirx tipjip fl-ambjenti jew fil-vicinanzi ta' fejn jkunu t-tfal jew xi hadd jew uhud minnhom. Tordna li l-kura u l-kustodja tigi ezercitata minn kull parti fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li mhux familjari tal-partijiet u t-tfal ghandhom jittiehdu u jingabu lura mill-access mal-missier fir-residenza ta' l-omm; tordna li l-Agenzija Appogg timmonitorja s-sitwazzjoni fl-interess tal-minuri u tara li l-istess kura u kustodja jigu ezercitati bil-mod hawn ordnat u dan a spejjez taz-zewg partijiet li huma ordnati sabiex a spejjez taghhom jinnotifikaw kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess Agenzija Appogg sabiex l-imsemmija

Agenzija Appogg taderixxi ruhha ma' l-istess fl-interess supremm tal-minuri;

Illi dwar alimenti tichad it-talba kif proposta mill-attur b'dan li minflok tordna li l-attur ghandu jhallas bhala manteniment ghall-konvenuta l-ammont ta' mitt lira Maltija (Lm 100) kull xahar u bhala manteniment ghat-tlett uliedu minuri l-ammont ta' mija u disghin lira (Lm 190) fix-xahar, pagabbli kull xahar bil-quddiem fir-residenza ta' l-istess attrici u b'dan illi l-istess ammont ta' alimenti ghandu jitnaqqas direttament mill-paga ta' l-istess attur mill-*employer* tieghu "MM" u jintbaghat direttament lill-konvenuta fir-residenza taghha jew jigi depozitat fl-*account* li ghandu jigi indikat mill-konvenuta b'nota notifikata minnha lill-istess attur u lill-imsemmija *employers* ta' l-attur skond kif verbalizzat fis-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2005 u ghal dan l-iskop din il-Qorti tordna lill-konvenuta sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employers* ta' l-attur sabiex l-istess jaderixxu ruhhom ma' l-istess. Fl-istess waqt l-attur huwa kkundannat sabiex ihallas lill-konvenuta l-arretrati kollha ta' manteniment li huwa naqas li jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghaliha u ghall-minuri skond id-digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 23 ta'Ottubru 2002 u d-digriet l-iehor datat 15 ta' Ottubru 2003 u dan anke bil-mod hawn deciz fl-istess decizjoni odjerna;

5. Tichad din it-talba u minflok tiddikjara li huwa l-attur li qed jigu applikati kontra tieghu d-dispozizzjoni ta' **artikolu 48 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. Tichad din it-talba b'dan li tikkonferma dak kollu li gie deciz f'din id-decizjoni favur il-konvenuta;

7. Tapplika favur l-attur l-effetti tal-**Artikoli 56, 57 u 60 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**;

8. Tichad din it-talba kif proposta b'dan pero' li l-konvenuta ghandha d-dritt li jekk trid taghzel li tirriverti ghal kunjom xbubita skond id-dispozizzjonijiet ta' **l-artikolu 62 tal-Kodici Civili;**

9. Tapplika l-effetti tal-**artikolu 66 tal-Kodici Civili** skond il-ligi u konformi ma’ dak deciz f’din is-sentenza;

10. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din it-talba *stante* li ma hemmx bzonnha.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------